**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 219/2021/2**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Hazel Mizzi**

Illum 27 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti **Hazel Mizzi**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 309705(L), akkużata quddiem il-Qorti tal-Minorenni (Malta) talli f'xi ġurnata bejn ix-xhur ta' Ottubru u Diċembru 2020 ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. għamlet jew ipproduċiet jew ippermettiet li jiġi magħmul jew prodott xi materjal indeċenti jew ipproduċiet, qassmet, xerrdet, importat, esportat, offriet, biegħet, issupplixxiet, ittrasmettiet, għamlet disponibbli, akkwistat għaliha nnifisha

jew għal ħaddieħor, jew uriet dak il-materjal indeċenti ta' persuni ta' taħt l-eta';

2. fl-istess perjodu, lok, ħin u ċirkostanzi akkwistat, xjentament akkwistat aċċess permezz ta' teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni għal, jew kellha fil-pussess tagħha, xi materjal indeċenti li juri, jagħti stampa ta' jew jirrappreżenta xi persuna ta' taħt l-eta'.

Il-Qorti ġiet mitluba li, f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi tordna lill-imsemmija persuna sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Minorenni tal-14 ta' Settembru 2022 fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17, 31, 37(2), 208A, u 208A(1B) tal-Kodiċi Kriminali sabet lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet kif miġjuba kontra tagħha u kkundannatha għal disa' xhur priġunerija sospiżi għal sentejn (2) *ai termini* ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza u r-riperkussjonijiet tal-ksur tagħha lill-ħatja.

Rat ir-Rikors tal-appellanti ppreżentat fis-26 ta' Settembru 2022 fejn talbet lil din l-Qorti sabiex: *"tirrevoka s-sentenza appellata u fi kwalunkw każ tibdilha dwar il-piena billi tagħmel waħda illi hija aktar idoneja għall-każ"*.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tagħha, l-appellanti titlob li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Qorti u fi kwalunkwe każ tibdel il-piena billi tagħti waħda li hija aktar idonea għall-każ. L-aggravji li hija tressaq huma s-segwenti:

- l-ewwel aggravju huwa dwar l-element materjali tar-reat;
- it-tieni aggravju huwa dwar il-piena.

Illi din il-Qorti tinnota li r-rwol tagħha huwa dak li tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx raġonevolment u legalment tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha."

Illi b'hekk isegwi li mhux ir-rwol ta' din il-Qorti li terġa' tagħmel il-proċess mill-ġdid iżda r-rwol tagħha huwa li tara jekk mill-provi prodotti l-Ewwel Qorti setgħetx tasal għal konklużjoni li waslet għaliha.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> tagħha l-appellanti tisħaq li fil-Qorti Kriminali hemm ir-regola li trid tinġieb l-aħjar prova u li l-aħjar prova ta' materjal indeċenti huwa li jintwera dak il-materjal jew

kopja tiegħu, ħaġa li hi ssostni hija nieqsa f'dan il-każ. Tisħaq li mhux talli f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni naqset milli ġġib l-aħjar prova, imma lanqas ġabet il-prova tal-element materjali u li barra l-element materjali l-Prosekuzzjoni kellha ġġib ukoll prova tal-persuna li hija taħt l-eta' u min hija l-persuna. Tisħaq li fin-nuqqas ta' prova ta' materjal indeċenti u fin-nuqqas ta' l-identita' tal-persuna ta' taħt l-eta', is-sentenza tal-Ewwel Qorti għandha tiġi revokata.

Illi l-fattispeċi ta' dan il-każ huma pjuttost sempliċi. Jirriżulta li l-Aġenzija Appoġġ għamlet rapport lill-Pulizija dwar minorenni bl-isem ta' Averill Grech li kienet qed tiġi abbużata sesswalment u dana apparti li kien hemm ritratti indeċenti tagħha fejn tidher bla ħwejjeġ u li kien qed jiċċirikola fuq l-*internet*. Da parte tagħha, meta l-appellanti ġiet imsejħa biex tmur għand il-Pulizija hija kkonfermat li kienet irċeviet dan ir-ritratt li jingħad li kien ta' Averill Grech waqt attivita' sesswali u fejn iddikjarat li kienet qassmet dan l-istess ritratt ma' persuna oħra. B'hekk ittieħdu passi kriminali fil-konfront tal-appellanti li huma l-mertu tal-proċeduri odjerni.

Illi meta l-appellanti xehdet quddiem l-Ewwel Qorti, fuq mistoqsija tal-Ewwel Qorti dwar x'kienet qed tagħmel Grech fir-ritratt li hija rċeviet, wieġbet hekk: *"Il-parti tar-raġel ma kienx jidher jiġifieri ma nafx min hu pero' hi kellha l-parti l-oħra ġo ħalqha"* (*a fol.* 31). Fuq domanda tal-Ewwel Qorti jekk kienx qed isir sess orali, l-appellanti wieġbet fl-affermattiv.

Illi fis-sentenza tagħha, l-Ewwel Qorti qalet hekk: *"bħala stat ta' fatt l-imputata mhux qed tiċħad li kellha l-pussess ta' dan ir-ritratt li meta mitluba tiddeskrivi l-istess, ma tħalli l-ebda dubbju dwar in-natura pornografika jew indeċenti tar-ritratt bl-involviment ta' persuna minorenni kif ikkonfermat ukoll miċ-ċertifikat tat-twelid tal-allegata persuna f'dawn ir-ritratti u ċioè ta' Averill Grech"* (*a fol.* 48).

Illi filwaqt li ġie ppruvat li Averill Grech kienet taħt l-eta' u dana tenut kont tal-fatt li hija twieldet fit-2 ta' Lulju 2007 skont kif jirriżulta fiċ-ċertifikat tat-twelid tagħha (*a fol.* 4) u li l-Qorti ma

kellhiex għalfejn taraha tixhed biex tisma' minn għandha kemm kellha eta', pero' fl-istess waqt din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li (minkejja dak li qalet l-appellanti meta rrilaxxat l-istqarrija tagħha u meta xehdet quddiem l-Ewwel Qorti dwar ir-ritratt in kwistjoni) kien ikun ferm aħjar kieku l-Prosekuzzjoni eżebiet dan ir-ritratt fl-atti proċesswali sabiex il-Qorti tkun tista' tieħu konjizzjoni tiegħu u b'hekk tkun tista' tevalwa l-indeċenza *o meno* tiegħu. Apparti dan, il-Qorti tazzarda żżid li kien ikun aħjar ukoll kieku l-Prosekuzzjoni ressqet lil Averill Grech tixhed sabiex tiddeskrivi dak li kien ġara u sabiex titfa' aktar dawl fuq ir-ritratt in kwistjoni.

Illi l-Qorti tissottolinea li minkejja li l-appellanti tat deskrizzjoni ta' dak li kien fih ir-ritratt, dan ma kienx biżżejjed sabiex l-Ewwel Qorti tasal għal konklużjoni li r-ritratt kien jikkontjeni materjal indeċenti. Huwa minnu li jgħaddu diversi teoriji f'moħħ ta' dak li jkun meta jiġi ffaċċjat b'dak li qalet l-appellanti dwar ir-ritratt in kwistjoni pero' din il-Qorti hija tal-fehma li dan mhux biżżejjed sabiex jiġi konkluż li r-ritratt kien verament jikkontjeni materjal indeċenti. Dak li hu indeċenti għal persuna jista' ma jkunx għal persuna oħra u huwa proprju għalhekk li l-Qorti qalet li kien ikun ferm aħjar kieku l-Prosekuzzjoni ppreżentat ir-ritratt in kwistjoni u dana sabiex din il-Qorti tevalwa l-indeċenza tiegħu jew le.

Illi dan kollu qed jingħad fid-dawl tal-fatt li huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-persuna akkużata huma veri u dan għaliex kif jgħid il-**Manzini** fil-ktieb tiegħu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, paġna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Illi huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna li fi proċediment kriminali, biex persuna akkużata tiġi ddikjarata ħatja, l-imputazzjonijiet dedotti għandhom jiġu pruvati *oltre* kull dubju raġjonevoli, ċioè oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

Illi meħud in konsiderazzjoni dan kollu, il-Qorti tinnota li ġialadarba l-Ewwel Qorti u anqas din il-Qorti ma tista' tevalwa x'kien fih ir-ritratt in kwistjoni u x'kien jidher eżatt fih, b'hekk isegwi li l-Qorti ser tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellanti u ċioè li ma ġiex ippruvat il-materjal indeċenti. B'hekk isegwi li l-Qorti ma għandhiex għalfejn tagħmel aktar konsiderazzjoni dwar il-bqija tar-Rikors tal-appell u dana stante li l-Qorti ser tirrevoka s-sentenza appellata minħabba r-raġunijiet hawn fuq imsemmija.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellanti Hazel Mizzi, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tiddikjara lill-appellanti mhux ħatja tal-imputazzjonijiet dedotta kontra tagħha u b'hekk tilliberaha minn kull ħtija u piena.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**